MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF
ANNA FELICE**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 287/2006

**Avukat Antoine Cremona bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Granimex N.V.**

**vs**

**Vincent Cuschieri Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-attur nomine fejn dan qal illi:

1. Is-socjeta` Granimex N.V. ta` I.Z. E17/2 Wolfsakker 4, B-9160 Lokeren, il-Belgju, fuq inkarigu u struzzjonijiet tas-socjeta` intimata Vincent Cuschieri Limited, forniet u kkonsenjat lill-istess socjeta` intimata diversi oggetti ta` l-ikel f`diversi konsenji kif jidher mill-erba` fatturi mahruga f`isem is-socjeta` intimata annessi ma` dan l-att u mmarkati bhala Dok GR1, GR2, GR3 u GR4 li ghandhom

l-import totali ta` sitta u tletin elf tlett mija u hamsa u ghoxrin Euro (€36,325), ekwivalenti llum ghal hmistax-il elf u sebgha u disghin Lira Maltija u tnejn u disghin centezmu (Lm15,097.92);

2. Minkejja li s-socjeta` intimata giet interpellata diversi drabi sabiex thallas l-import ta` dawn l-erba` fatturi msemmija inkluz permezz ta` l-ittra bonarja tad-9 ta` Jannar, 2006 u l-ittra ufficcjali datata 16 ta` Frar, 2006, is-socjeta` intimata baqghet inadempjenti;

3. Fil-fehma tar-rikorrent nomine dan id-dejn huwa veru, cert, likwidu u dovut u s-socjeta` intimata ma ghandhiex eccezzjonijiet xi ggib ghat-talba ta` hlas tas-socjeta` rikorrenti;

4. Ghalhekk dan jaghti d-dritt lir-rikorrent nomine sabiex jipprocedi kontra s-socjeta` intimata bi procediment sommarju specjali kif provdut fl-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta, kif fil-fatt qed jaghmel;

Talbu lil konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ghat-tenur ta` l-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta, u tikkundanna, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, lis-socjeta` intimata thallas lir-rikorrent fil-kwalita` tieghu premessa s-somma komplessiva ta` sitta u tletin elf tlett mija u hamsa u ghoxrin Euro (€36,325), ekwivalenti llum ghal hmistax-il elf u sebgha u disghin Lira Maltija u tnejn u disghin centezmu (Lm15,097.92) rapprezentanti l-import totali ta` erba` fatturi liema somma ghadha sal-lum dovuta lis-socjeta` estera Granimex N.V.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficjali datata 16 ta` Frar, tas-sena elfejn u sitta (2006), tal-mandat ta` qbid u mandat ta` sekwestru fl-ismijiet premessi pprezentati kontestwalment ma` dan l-att, u bl-imghaxijiet kummercjali mid-dati tal-fatturi rispettivi sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta` intimata li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet tas-27 ta` April, 2006 fejn il-Qorti laqghet it-talba tas-socjeta` konvenuta biex tkun awtorizzata tikkontesta l-kawza u ppreffiggiet it-terminu ta` 20 gurnata ghall-prezentata tar-risposta.

Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata;

1. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt kif ukoll fil-ligi u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

2. Il-merkanzija kkonsenjata lis-socjeta` attrici kienet f`parti sostanzjali taghha ddanneggjata, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u filwaqt li parti minnha kellha tigi mwarrba u skartata ghal kollox, parti ohra kellha tigi mibjugha bi prezz ridott, oltre l-fatt illi l-istess socjeta` esponenti kellha tinkorri spejjez biex tixtri kontenituri godda biex tirrimpjazza dawk danneggjati bil-ghan illi dik il-parti tal-merkanzija tinbiegh.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-attur nomine li biha irriduca s-sorte ghal €26325 stante pagament fil-mori tal-kawza.

Rat id-dokumenti esibiti.

Semghet ix-xhud prodott.

Din hija kawza ghall-hlas ta` merkanzija konsenjata lil Vincent Cuschieri Limited li rrispondiet ghall-kawza billi qalet li l-merkanzija kienet f`parti sostanzjali taghha ddanneggjata u ma setghetx tinbiegh. Ukoll, dak li seta` jinbiegh kellu jigi ripakkeggjat a spejjez taghhom.

Fix-xhieda tieghu Pierre Galea, li kien impjegat tas-socjeta` konvenuta kien xehed hekk:

“Jiena naf illi xi 3 jew 4 snin ilu kien wasal container li kien mghobbi bil-margarine, zjut etc u x`hin fethuh il-burdnara sabu li l-merkanzija kienet maghfga b`tali mod li kienet hazina. Il-margarine li kienet go pakketti ta` 10 kilos

kienet taht konsenja ta` zjut li kienet go tankijiet tat-25 kilos. Il-merkanzija jiena kont rajtha b`ghajnejja. Ahna konna hadna d-digital photo ta` din il-merkanzija u konna baghatnieha lil certu Frank illi konna ninegozzjaw mieghu dwar dawn l-affarijiet. Qed nipprezenta email li konna ircevejna b`risposta wara li kont baghatlu r-ritratt. Fil-fatt fin-naha ta` isfel ta` l-email li qed nipprezenta u li qed tigi mmarkata PG1 hemm l-email originali li kont baghat jiena. Fid-diskors taghna maghhom wara dan l-incident huma kienu semmew illi ha jibghatu container iehor. Dana biex jirrimprazzjaw il-merkanzija li kienet mghaffga. Il-merkanzija danneggjata kienet giet distrutta. Din kienet xi 3 kwarti tal-container. Kwart rimanenti tal-container huma kienu qalulna biex inbieghuh bhas-soltu. Effettivament kien intbaghad container iehor imma dan kien bi hlas. Kienu invojsjawna ghalih. Sa fejn naf jiena din il-persuna Frank Vander Velle li kont nitkellem maghha jiena kien telaq minn mal-kumpanija Granimex u naf li kienu bdew proceduri kontrina il-Granimex. L-imsemmi Frank Vander Velle baqa` hemm hekk qatt ma ircevejna talba ghal hlas".

Il-Qorti rat ukoll kopji ta` emails skambjata bejn ir-rapprezentanti taz-zewg socjetajiet fejn l-istess socjeta` illum rikorrenti ammettiet il-hsara li kienet saret lill-merkanzija u ghalkemm qatt ma gie prodott affidavit ta` Frank Vandewalle, ma saret ebda allegazzjoni rigward il-veracita` o meno tal-kontenut tal-emails. Fl-istess e-mails is-socjeta` illum rikorrenti kienet ukoll iddikjarat, u dan permezz ta` Frank Vandewalle, li se thallas xi spejjez ta` transport tal-merkanzija.

Fic-cirkostanzi, fejn ma ngabet ebda prova biex tista` b`xi mod ixxejjen dak li wriet is-socjeta` intimata kemm permezz tad-dokumenti, kif ukoll tax-xhieda viva voce tal-impjegat taghha Pierre Galea, il-Qorti ma thossx li t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti jistghu jigu milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qort taqta` u tiddeciedi billi filwaqt li tilqa` l-eccezzjonijiet tas-socjeta` intimata, tichad it-talbiet tas-socjeta` attrici, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------